TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

CCT/134/14/S

Michele Cardinali
Vs
Compleet Is Services Limited

Illum 30 t'Ottubru,2014.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Michele Cardinaliipprezentata fit-12 ta'Gunju,2014 u r-risposta tas-socjeta Compleet Is Services Limited ipprezentata fit-23 ta'Lulju,2014;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-partijiet u t-trattazzjoni taghhom fit-28 ta'Frar,2013;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda ilment dwar riklam li kellu informazzjoni zbaljata izda li l-konsumatur kien gie infurmat b'dan qabel iddecieda li jipprocedi bix-xiri tal-oggett in kwistjoni;

Illi jinghad mal-ewwel li min jallega jrid jipprova u dan fuq l-istregwa tal-massima *"incumbit probation ei qui dicat non ei qui negat"* (ara sentenza tal-Qorti tal-Appell Sede Inferjuri fl-ismijiet 'Gemma Cassar Saetta vs Imco Distributors Limited' moghtija fit-13 ta'Jannar,1999);

Illi jidher li r-rikorrent ghazel li jipprocedi bix-xiri tal-'camera' anki wara li gie infurmat li kien hemm zball fir-reklam fejn kien hemm inkluza lenti ohra fil-pakkett offrut mis-socjeta intimata;

Illi dan it-Tribunal jishaq li hu essenzjali li konsumatur ikollu informazzjoni shiha u ezatta biex ikun jista' jiehu decizjoni infurmata;

Illi dan kien nuqqas daparti tas-socjeta intimata u lanqas mhu sew li t-tieni lenti tibqa' tissemma fir-reklam meta din mhijiex inkluza fil-pakkett offrut;

Illi hi r-responsabilita ta' min joffri ghall-bejgh oggett li jara li dak offrut u li gie mhallas ghalih, jinghata;

Illi min-naha l-ohra r-rikorrenti kellu c-cans ma jkomplix bix-xiri tal-oggett u dan qabel ma ddecieda li jixtri l-'camera';

Illi fic-cirkostanzi, it-talba tar-rikorrent hi wahda esagerata u ma tistax tintlaqa' fl-intier taghha;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' in parte it-talba ta' Michele Cardinali u filwaqt li Jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta Compleet Is Services Limited, Jordna lis-socjeta Compleet Is Services Limited thallas lil Michele Cardinali is-somma ta' €75 stabbilita *ex aequo et bono*, b'kull parti thallas l-ispejjez rispettivi ta' dawn il-proceduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT1101 – MALTA TELEPHONE: (+356) 21227070